DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/864

tal-24 ta' Mejju 2022

li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, fir-rigward tal-awdituri esterni ta' Lietuvos bankas

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Protokoll Nru 4 dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u għat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-29 ta' Marzu 2022 lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni ta' Lietuvos bankas (BĊE/2022/15) [1],

Billi:

(1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro għandhom jiġu awditjati minn awdituri esterni indipendenti rrakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

(2) Il-mandat tal-awdituri esterni attwali ta' Lietuvos bankas, Ernst & Young Baltic UAB, intemm wara l-awditu għas-sena finanzjarja 2021. Għalhekk huwa neċessarju li jinħatru awdituri esterni mis-sena finanzjarja 2022.

(3) Lietuvos bankas għażel lil UAB ROSK Consulting bħala l-awdituri esterni tiegħu għas-snin finanzjarji 2022 sa 2024.

(4) Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE rrakkomanda li UAB ROSK Consulting jinħatru bħala l-awdituri esterni ta' Lietuvos bankas għas-snin finanzjarji 2022 sa 2024.

(5) B'segwitu għar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE, jenħtieġ li d-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/70/KE [2] tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 1999/70/KE, il-paragrafu 19 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"19. UAB ROSK Consulting huma b'dan approvati bħala l-awdituri esterni ta' Lietuvos bankas għas-snin finanzjarji 2022 sa 2024.".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fid-data tan-notifika tagħha.

[1] ĠU C 153, 7.4.2022, p. 7.

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/70/KE tal-25 ta' Jannar 1999 dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali (ĠU L 22, 29.1.1999, p. 69).

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Bank Ċentrali Ewropew.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Mejju 2022.

Għall-Kunsill
Il-President
B. LE MAIRE